MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 156/2012

**Banif Bank (Malta) plc numru ta' registrazzjoni C41030**

**Vs**

**Sean Ellul Sullivan karta tal-identita numru 441671M**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, disgha u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€8,079.86), rapprezentanti ammont dovut minnek fuq il-kontijiet tieghek mal-kumpanija attrici u specifikament kif ser jinghad hawn taht:

Fuq il-*Credit Card* nru 4196 8060 0001 6465 li ghandek mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni markata bhala Dok A), hemm dovut l-ammont ta' sebat elef, hames mija u disghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€7,590.28) u sat-30 t'April, 2012, tali ammont

kien jinkludi tlieta u erbghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€43.24) f’imghaxijiet (ara l-*istatement* bankarju markat Dok B).

Fuq il-*Current Account* nru. 93777 100 01 li ghandek mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta’ l-applikazzjoni markata bhala Dok C), hemm dovut l-ammont ta’ erba’ mija, disgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€489.58) u sat-30 t’ April 2012 tali ammont kien jinkludi tlett ewro u wiehed u disghin centezmu (€3.91) f’imghaxijiet (ara l-*istatement* bankarju markat Dok D). Dan l-ammont jikkoncerna *bank charges* relatati ma’ cekkijiet mahruga minnek jew lilek.

L-ammont mitlub f’din i-kawza sar dovut kollu lill-kumpanija attrici ai termini ta’ l-artikolu 11(f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-*Credit Card* (ara Dok E) u ta’ Artikolu 5 tat-*Terms and Conditions* marbuta mal-*Current Account* u Artikolu 6 tal-*Conditions of Use* marbuta mal-istess *Current Account* (ara Dok G u Dok H rispettivament).

Illi l-kumpanija attrici interpellatek diversi drabi biex thallasha l-ammont minnek dovut, izda inti bqajt inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizutla waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b’dawn il-fatti personalment.

Bl-imghaxijiet mit-30 t’April, 2012 sad-data tal-hlas effettiv skont ir-rata kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mieghek meta int ftaht il-kontijiet tal-bank fuq imsemmija, ossija bir-rata ta’ tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-*Credit Card* u bir-ratat ta’ ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-*Current Account* u kif ukoll kwalsiasi *charges u fees* dovuti minhabba dejnek u dan kollu skont kif jinghad fil-*Conditions of Use* fuq imsemmija u t-*Tariff of Charges* (Ara Dok F) relattivi ghall-*Credit Card* u t-*Terms and Conditions* u l-*Conditions of Use* fuq imsemmija u t-*Tariff of Charges* (ara Dok I) relattivi ghall-*Current Account*.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Frar, 2012 u mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li baqghet ma gietx notifkata minkejja diversi tenatttivi biex isir dan u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' l-imsemmija ittra ufficjali kontra tieghek (ara Dok J u Dok K rispettivament). Int qieghed minn issa tigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tieghek.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors u markati Dok 'A' sa Dok 'K' a fol 3 sa fol 30 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-konvenut ossija intimat a fol 64 tal-atti u li biha ta' ruhu b'notifikat fis-seduta hemm msemmija u bl-atti kollha presentati f'din il-kawza kif ukoll ammetta t-talba tas-socjeta' attrici.

A bazi tal-istess ammissjoni il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ossija intimat sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, disgha u sebghin ewro, sitta u tmenin centezmu (€8,079.86) bl-imghaxijiet mit-30 t'April, 2012 bir-rata ta' 8.25% fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-"credit card" u bir-rata ta' 10% fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-"current account" u dan sad-data tal-hlas effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2012 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tad-29 ta' Frar, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------